Uffiċċju Komunikazzjoni
ARĊIDJOĊESI TA' MALTA

*3 ta' Lulju 2013*

**DRITT GĦAT-TWEĠIBA**

Nirreferi għar-rapport li ppublikat fl-aħħar paġna tal-ġurnal tiegħek, illum, l-Erbgha 3 ta' Lulju 2013, bit-titlu "L-Arċisqof xettiku dwar il-vot lil dawk ta' 16-il sena". Qed nibgħatlek din l-istqarrija biex tiġi ppublikata skont artiklu 21 tal-Liġi tal-Istampa.

**L-Arċisqof b'iniżjattivi favur iż-żgħażagħ biex Vot 16 tirnexxi**

Kuntrarju għal dak li ġie rrappurtat fil-ġurnal l-Orizzont tal-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013, fl-artiklu bit-titlu "L-Arċisqof xettiku dwar il-vot lil dawk ta' 16-il sena", l-Uffiċċju Komunikazzjoni tal-Kurja tal-Arċisqof jixtieq jiċċara l-fatti kif ġejjin.

Matul il-laqgħa bejn l-Arċisqof Pawlu Cremona, l-Onor. Jose Herrera u l-membri tal-kumitat responsabbli mill-kampanja Vot 16, l-Arċisqof wera l-apprezzament tiegħu għax-xogħol li qed isir. Kien propju għalhekk li huwa saħaq fuq l-importanza li kampanja bħal din tinkludi wkoll iniżjattivi li joħolqu għarfien fost l-adoloxxenti, dwar ir-responsabbilta' li deħlin għaliha. L-Arċisqof fisser kif, fl-eta' ta' 16-il sena, l-adoloxxenti jkunu għadhom ma ffurmawx il-karattru tagħhom biżżejjed u faċli jiġri li jew jibqgħu fil-qoxra tar-Realta Politika bl-għażliet li jagħmlu, jew jiġu manipulati. Filwaqt li stqarr li l-Knisja mhix kontra li ż-żgħażagħ jivvutaw fuq livell lokali fl-eta' ta' 16-il sena, l-Arċisqof qal li l-adoloxxenti għandhom jingħataw ukoll linji gwida fuq l-impatt qawwi li l-vot tagħhom jista' jħalli fuq il-pajjiż.

Dwar l-inizjattiva li semma Monsinjur Arcisqof, iċ-Chairperson tal-Kumitat Vot 16, is-Sur Michael Cohen qal li ser isiru diskussjonijiet mal-amministrazzjoni tal-iskejjel biex dan l-għarfien jitwassal ukoll permezz tagħhom.

Dan jista' jigi kkonfermat ukoll mill-Onor. Herrera u l-membri tal-kampanja Vot 16 li attendew għal-laqgħa mal-Arċisqof. L-Uffiċċju Komunikazzjoni jinnota wkoll b'dispjaċir li l-ġurnalist tal-Orizzont ma kienx preżenti mill-bidu tal-laqgħa u għalhekk seta ħa impressjoni żbaljata dwar il-pożizzjoni tal-Arcisqof f'dan ir-rigward.